**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 31** **8 ta' Frar 2022**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 8 ta' Frar 2022 fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku

Eric Camilleri – Kunsillier

Frederick Aquilina – Kunsillier

Lucia Massa – Kunsillier

Maria Magri - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Victor Caruana – Kunsillier

Keoron Bruno – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku John Schembri** ppresjeda l-laqgħa u talab tibdil fl-Aġenda sabiex ikun possibli li l-Accountant tal-Kunsill jippreżenta l-Unaudited Financial Statements għas-sena 2021.

Il-Kunsill approva t-tibdil fir-running order tal-Aġenda

**31.1** **UnAudited Financial Statements 2021**

L-Accountant tal-Kunsill flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw l-Unaudited Financial Statements għas-sena 2021, fejn ġie spjegat fid-dettal ir-rapport ippreżentati.

**Is-Sindku John Schembri** talab l-approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements.

Ivvutaw favur 5 kunsilliera preżenti. Ma kien hemm l-ebda vot kontra u ma kien hemm l-ebda astenzjoni.

L-unaudited financial statements ġew approvati b'mod unanimu.

**31.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 30**

Is-Sindku John Schembri talab l-approvazzjoni tal-Minuti 30, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti 30 ġew approvati b'mod unanimu.

**31.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

31.3.1 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li l-kuntrattur li ngħata t-tender tal-finishing tal-letrina ta' Triq Dun Pawl irtira mill-proġett. Dan ifisser li l-Kunsill se jkun obbligat joħroġ tender oħra sabiex isir ix-xogħol ta' finishings u bini tal-ewwel sular fuq l-istess letrina.

31.3.2 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li ġiet ippreżentata d-DNO relatata mal-Proġett ta' Ħal Farruġ u ġiet ippreżentata l-applikazzjoni quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex dan il-proġett isir bil-fondi tal-Urban Development Funds.

31.3.3 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li tressqet applikazzjoni quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jinbidlu l-fanali ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali.

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li nġabret stima għar-rubber flooring tal-bandli f'Misraħ iż-Żgħażagħ, liema stima ġiet tammonta aktar minn € 12,000. Ġie deċiż

li ssir direct order request form minħabba n-natura tal-urġenza li hemm, minħabba l-periklu għat-tfal.

**31.4 Komunikat mill-Kunsilliera**

31.4.1 **Il-Kunsillier Maria Magri** nfurmat li s-Sibt ta' qabel inżammet mir-Reġjun Nofsinhar fejn ġew ippreżentati s-sitt uffiċjali li se jkunu qed joffru servizz lill-Kunsilli Lokali.

31.4.2 **Il-Kunsillier Maria Magri** nfurmat li r-Reġjun niedha skema fl-okkażjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, liema skema qed toffri € 5,000 sabiex tiġi organizzata attivita' relatata mal-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa.

31.4.3 **Il-Kunsillier Frederick Aquilina** staqsa dwar l-applikazzjoni li tressqet quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex tinbena moskea fiz-zona ndustrijali ta' Ħal Farruġ. Is-Sindku John Schembri nfurma li l-Kunsill ippreżenta oġġezzjoni għal dan il-proġett minħabba l-fatt li l-għoli propost se jkun qed joħloq periklu għall-aircrafts, kif ukoll se jinħoloq influss qawwi ta' traffiku f'zona ndustrijali. Barra minhekk moskea mhux lokha f'żona ndustrijali.

31.4.4 **Il-Kunsillier Frederick Aquilina** talab *feedback* għat-talbiet ta' xogħol ta' żebgħa f'żewġ toroq fil-lokalita', permezz ta' email li għadda lill-Kunsill. Is-Sindku nfurmah li t-talbiet ddaħħlu fil-programm tax-xogħlijiet.

31.4.5 **Il-Kunsillier Frederick Aquilina** nfurma li fi Triq Ġorġ Zahra saru double yellow lines. Is-Sindku nfurma li dawk il-linji saru sabiex jindikaw li ma jistax isir parkeġġ, għaliex kienu qed jiġu ostakolati l-garaxxijiet. Is-Sindku John Schembri nfurma li nħarġet Legal Notice fejn kull vettura li tipparkja quddiem garage u tkun unattended tiġi ttowjata mingħajr avviż.

31.4.6 **Il-Kunsillier Frederick Aquilina** talab li l-membri jingħataw l-opportunita' li l-laqgħat isiru online ukoll. Wara diskussjoni bejn il-membri, ġie approvat li l-Kunsill jinvesti f'sistema adegwata.

**31.5 Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** pproponiet l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Eric Camilleri** ssekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**31.6** **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.30p.m. u ġiet aġġornata .

Konfermati, llum ____________________________________

| | |
|---|---|
| John Schembri | Karen Camilleri |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |